Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10072 — Sojitz/Eneos/Edenvale Solar Park)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 34/10)

1. Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sojitz Corporation ("Sojitz", il-Ġappun),

— Eneos Corporation ("Eneos", il-Ġappun), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' ENEOS Holdings, Inc. (il-Ġappun),

— Edenvale Solar Park Pty Ltd. ("Edenvale", l-Awstralja), li tappartjeni għal DPI Solar 3 Pte Ltd (Singapore).

Sojitz Corporation u Eneos Corporation jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Edenvale kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sojitz Corporation: il-kummerċ ta' oġġetti u servizzi u b'mod partikolari l-kostruzzjoni u l-isfruttament tal-enerġija u l-infrastruttura soċjali b'enfasi fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija mix-xemx, mir-riħ u mill-bijomassa,

— Eneos Corporation: il-produzzjoni, il-kummerċ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żejt mhux maħdum, prodotti petrokimiċi, elettriċità, lubrikanti, faħam u idroġenu,

— Edenvale: se tiżviluppa, tibni u tħaddem farm solari fi Queensland, l-Awstralja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10072 — Sojitz/Eneos/Edenvale Solar Park

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË